Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2432 17.9.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2432**

**tas-16 ta' Settembru 2024**

**li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Jannar 2017, Diversey Europe Operations B.V. ("l-applikant") ippreżentat applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 ([2]) għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-istess familja ta' prodotti bijoċidali, kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013, bl-isem ta' "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family", tat-tip ta' prodott 4 kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-WV029790-00 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali. L-applikazzjoni indikat ukoll in-numru tal-każ tal-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Evonik's Hydrogen Peroxide Product Family" awtorizzata aktar tard bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2183 ([3]), u rreġistrata f'dak ir-reġistru bin-numru tal-każ BC-UE029056-42.

(2) Il-familja ta' prodotti bijoċidali "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family" fiha l-perossidu tal-idroġenu bħala s-sustanza attiva, u dan qiegħed fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tip ta' prodott 4.

(3) Fid-9 ta' Settembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013, l-Aġenzija ssottomettiet lill-Kummissjoni l-opinjoni tagħha ([4]) u l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") ta' "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family".

(4) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija tikkonkludi li d-differenzi proposti bejn il-familja ta' prodotti bijoċidali "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family" u l-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Evonik's Hydrogen Peroxide Product Family" huma limitati għall-informazzjoni li tista' tkun is-suġġett ta' bidla amministrattiva f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([5]), u li abbażi tal-valutazzjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Evonik's Hydrogen Peroxide Product Family" u soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, l-istess familja ta' prodotti bijoċidali "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family" tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(6) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 tas-6 ta' Mejju 2013 li jispeċifika proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li huma l-istess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 7.5.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/414/oj).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2183 tat-18 ta' Ottubru 2023 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali Evonik's Hydrogen Peroxide Product Family f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2023/2183, 19.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2183/oj)
([4]) L-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tad-9 ta' Settembru 2022 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-istess prodott bijoċidali, 'Diversey Hydrogen Peroxide Product Family', https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

(5) Fil-15 ta' Mejju 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPCs riveduti ta' "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Fit-13 ta' Ġunju 2024, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni li, minħabba żball, l-opinjoni tal-Aġenzija u l-abbozz tal-SPC sottomessi lill-Kummissjoni jinkludu referenza għat-tipi ta' prodott 2 u 4, filwaqt li l-applikant kien illimita l-applikazzjoni għall-użi tat-tip ta' prodott 4.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għaldaqstant tikkunsidra xieraq li tagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-istess familja ta' prodotti bijoċidali "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family" għat-tip ta' prodott 4.

(8) Id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun allinjata mad-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "Evonik's Hydrogen Peroxide Product Family".

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'dan qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0029435-0000 lil Diversey Europe Operations B.V għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-istess familja ta' prodotti bijoċidali "Diversey Hydrogen Peroxide Product Family", f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbilit fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mis-7 ta' Ottubru 2024 sal-31 ta' Ottubru 2033.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal familja ta' prodotti bijoċidali**

Diversey Hydrogen Peroxide Product Family

**Tip(i) ta' prodott**

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

**Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0029435-0000**

**Numru tal-assi R4BP EU-0029435-0000**

PART I.

**L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI**

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

| | |
|---|---|
| Isem | Diversey Hydrogen Peroxide Product Family |

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

| | | |
|---|---|---|
| Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni | Isem | Diversey Europe Operations B.V. |
| | Indirizz | Regulatory team Maarssenbroeksedijk 2 3542 DN Utrecht NL |
| Numru tal-awtorizzazzjoni | EU-0029435-0000 | |
| *Numru tal-assi R4BP* | EU-0029435-0000 | |
| Data tal-awtorizzazzjoni | Is-7 ta' ottubru 2024 | |
| Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni | Il-31 ta' Ottubru 2033 | |

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Diversey Europe Operations B.V. |
| Indirizz tal-manifattur | Maarssenbroeksedijk 2 3542DN Utrecht In-Netherlands |
| Post ta' siti ta' manifattura | Diversey Europe Operations B.V. site 1 Strada Statale 235 26010 Bagnolo Cremasco (CR) L-Italja<br>Diversey Europe Operations B.V. site 2 Rembrandtlaan 414 7545 ZW Enschede In-Netherlands<br>Diversey Europe Operations B.V. site 3 Cotes Park Industrial Estate DE55 4PA Somercotes Alfreton Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq<br>Diversey Europe Operations B.V. site 4 Avenida Conde Duque 5, 7 y 9 ; Poligono Industrial La Postura 28343 Valdemoro (Madrid) Spanja |

| | |
|---|---|
| | Diversey Europe Operations B.V. site 5 Morschheimer Strasse 12 67292 Kirchheimbolanden Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Evonik Antwerpen NV |
| Indirizz tal-manifattur | Tijsmanstunnel West 2040 Antwerpen Il-Belġju |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Antwerpen NV site 1 Tijsmanstunnel West 2040 Antwerpen Il-Belġju |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Evonik Operations GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Rellinghauser Straße 1-11 45128 Essen Il-Ġermanja |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Operations GmbH Untere Kanalstr. 3 79618 Rheinfelden Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Evonik Peroxid GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Industriestraße 1 9721 Weißenstein L-Awstrija |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Peroxid GmbH site 1 Industriestraße 1 9721 Weißenstein L-Awstrija |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Evonik Peroxide Netherlands BV |
| Indirizz tal-manifattur | Hettenheuvelweg 37 /39 1101 BM Amsterdam In-Netherlands |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Peroxide Netherlands BV site 1 Oosterhorn 14 9936 HD Farmsum In-Netherlands |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Evonik Peroxide Spain, S.L.U. |
| Indirizz tal-manifattur | C/ Afueras s/h. 50784 La Zaida Spanja |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Peroxide Spain, S.L.U. C/ Afueras s/h. 50784 La Zaida Spanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | ELETTROCHIMICA VALLE STAFFORA SPA |
| Indirizz tal-manifattur | VIA TORTONA 73 27055 Rivanazzano L-Italja |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | ELETTROCHIMICA VALLE STAFFORA SPA site 1 VIA TORTONA 73 27055 Rivanazzano L-Italja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Brenntag SA |
| Indirizz tal-manifattur | Zone d'Activités les Sauzets 07340 Andance Franza |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Brenntag SA site 1 Zone d’Activités les Sauzets 07340 Andance Franza |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | CHEPORT, spol. s r.o. |
| Indirizz tal-manifattur | Lhotsko 93 763 12 Vizovice Iċ-Ċekja |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | CHEPORT, spol. s r.o. site 1 Lhotsko 93 763 12 Vizovice Iċ-Ċekja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Brenntag Polska Sp. z o.o |
| Indirizz tal-manifattur | Ul. Towarowa 6 05-530 Góra Kalwaria Il-Polonja |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Brenntag Polska Sp. z o.o site 1 Ul. Towarowa 6 05-530 Góra Kalwaria Il-Polonja |

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | Perossidu tal-idroġenu |
| Isem tal-manifattur | Evonik Antwerpen NV |
| Indirizz tal-manifattur | Tijsmanstunnel West 2040 Antwerpen Il-Belġju |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Antwerpen NV Tijsmanstunnel West 2040 Antwerpen Il-Belġju |

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | Perossidu tal-idroġenu |
| Isem tal-manifattur | Evonik Operations GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Rellinghauser Straße 1-11 45128 Essen Il-Ġermanja |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Operations GmbH Untere Kanalstr. 3 79618 Rheinfelden Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | Perossidu tal-idroġenu |
| Isem tal-manifattur | Evonik Peroxid GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Industriestraße 1 9721 Weißenstein L-Awstrija |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Peroxid GmbH Industriestraße 1 9721 Weißenstein L-Awstrija |

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | Perossidu tal-idroġenu |
| Isem tal-manifattur | Evonik Peroxide Netherlands BV |
| Indirizz tal-manifattur | Hettenheuvelweg 37 /39 1101 BM Amsterdam In-Netherlands |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Peroxide Netherlands BV Oosterhorn 14 9936 HD Farmsum In-Netherlands |

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | Perossidu tal-idroġenu |
| Isem tal-manifattur | Evonik Peroxide Spain, S.L.U. |
| Indirizz tal-manifattur | C/ Afueras s/h. 50784 La Zaida Spanja |
| Post ta’ siti ta’ manifattura | Evonik Peroxide Spain, S.L.U. C/ Afueras s/n. 50784 La Zaida Spanja |

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Perossidu tal-idroġenu | | sustanza attiva | 7722-84-1 | 231-765-0 | 35 - 49,9 % (w/w) |

2.2. **Tip(i) ta’ formulazzjoni**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta’ formulazzjoni | SL Konċentrat li jinħall |

PART II.

**IT-TIENI LIVELL TA’ INFORMAZZJONI META SPC(S)**

1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

| | |
|---|---|
| Identifikatur | Meta SPC: META Divosan Spray |

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

| | |
|---|---|
| Numru | 1-1 |

1.3. **Tip(i) ta’ prodott**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta’ prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Perossidu tal-idroġenu | | sustanza attiva | 7722-84-1 | 231-765-0 | 35 - 49,9 % (w/w) |

2.2. **Tip(i) ta’ formulazzjoni tal-meta SPC 1**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta’ formulazzjoni | SL Konċentrat li jinħall |

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA’ PERIKLU U TA’ PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

| | |
|---|---|
| Dikjarazzjonijiet ta’ periklu | H302: Jagħmel il-ħsara jekk jinbela’.<br>H315: Jikkawża irritazzjoni tal-ġilda.<br>H318: Jagħmel ħsara serja lill-għajnejn.<br>H335: Jista’ jikkawża irritazzjoni respiratorja.<br>H412: Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b’mod li jħalli effetti dejjiema.<br>H272: Jista’ jżid in-nar; ossidant. |
| Dikjarazzjonijiet ta’ prekawzjoni | P261: Evita li tibla’ bin-nifs fwar.<br>P264: Aħsel idejn sew wara li tużah.<br>P270: Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tuża dan il-prodott.<br>P271: Uża biss barra jew f’post ventilat sew.<br>P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent.<br>P280: Ilbes ingwanti protettivi / ilbies protettiv / protezzjoni tal-għajnejn / protezzjoni tal-wiċċ.<br>P301+P312: JEKK JINBELA’: Ikkuntattja ĊENTRU TAL-VELENU / tabib jekk tħossok ma tiflaħx.<br>P330: Laħlaħ il-ħalq.<br>P302+P352: JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel b’ħafna ilma / sapun.<br>P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista’ tieħu n-nifs.<br>P312: Ikkuntattja ĊENTRU TAL-VELENU / tabib jekk tħossok ma tiflaħx.<br>P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b’attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ.<br>P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-VELENU / tabib.<br>P332+P313: Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.<br>P403+P233: Aħżen f’post b’ventilazzjoni tajba. Żomm il-kontenitur magħluq sew.<br>P405: Aħżen f’post imsakkar.<br>P501: Armi l-l-kontenut fi / f’konformità mar-rekwiżiti lokali.<br>P501: Armi l-il-kontenitur fi / f’konformità mar-rekwiżiti lokali.<br>P210: Żomm ’il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx.<br>P220: Żomm ’il bogħod mill-ħwejjeġ u minn materjali li jaqbdu oħrajn.<br>P370+P378: F’każ ta’ nar: Uża ilma għat-tifi. |

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

## 4.1. Deskrizzjoni tal-użu

*Tabella 1*

**Imballaġġ asettiku fl-industriji tal-ikel u tal-għalf**

| | |
|---|---|
| Tip ta' prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |
| Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | - |
| Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | Isem komuni: Batterja<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: Ħmira<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: Spori tal-batterja<br>Istadju iżvilupp: Spori tal-batterja |
| Qasam/Oqsma ta' użu | użu fuq ġewwa<br>Diżinfezzjoni ta' materjal tal-imballaġġ tal-ikel f'sistemi ta' imballaġġ asettiku magħluqin bi prodott sprejjat jew nebulizzat. |
| Metodu/i ta' applikazzjoni | Metodu: Sprejjar jew nebulizzazzjoni<br>Deskrizzjoni dettaljata: Sprejjar jew nebulizzazzjoni awtomatizzati f'sistemi magħluqin. |
| Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' applikazzjoni: Konċentrazzjoni waqt l-użu: 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Konċentrazzjoni tal-prodott f'arja sħuna: 10,83 g/kg<br>Dilwizzjoni (%): Għad-diżinfezzjoni ta' batterja, ħmira u spori tal-batterja, l-prodott għandu jkun imħallat sa 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju,, f'każ ta' prodott tal-perossidu tal-idroġenu 49,9 % (w/w): żid 700 ml ta' prodott ma' 357 ml ilma biex tinkiseb dilwizzjoni ta' 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu.<br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br>Proċessi ta' diżinfezzjoni kimiko-termali awtomatizzati.<br>Temperatura: ≥ 100°C<br>Ħin ta' kuntatt: mill-inqas 5,5 sekonda |
| Kategorija/i ta' utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Polietilene ta' densità għolja (HEDP) flixkun 1, 5 litri<br>Jerrycan HDPE 10, 20, 30, 60 litri<br>Tanbur HDPE 200 litri<br>Kontenitur HDPE 1 000 litri<br>Tank HDPE ISO 20m$^3$ |

### 4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Is-sistemi ta' mili asettiku huma bbażati fuq il-prinċipju li asettikament jiffurmaw tubu minn folja sterilizzata tal-materjal tal-pakkett, li jkompli jimtela' kontinwament bi prodott tal-ikel likwidu sterili kummerċjali u wara jiġi ssiġġillat b'mod trażversali biex jifforma boroż, li mbagħad jiġu mitwija fil-forma finali tal-pakkett. Il-materjal tal-imballaġġ jitpoġġa fil-magna tal-mili asettiku jew fil-forma ta' (folji) rkiekel (folji) jew fil-forma ta' pakketti, tnelli u fliexken iffurmati minn qabel. Imbagħad, il-perossidu tal-idroġenu 35 % (w/w) jiġi sprejjat jew applikat gradwalment b'nebulizzatur fuq il-materjal tal-ippakkjar bl-għajnuna ta' żennuna. Wara, imiss bosta fażijiet biex jevapora kwalunkwe perossidu tal-idroġenu li jkun fadal b'arja sħuna sterili.

Skont id-daqs tar-reċipjent, ammont ta' 0.1–1 ml ta' perossidu tal-idroġenu 35 % (w/w) jiġi sprejjat jew applikat gradwalment b'nebulizzatur bl-għajnuna ta' żennuna.

Temperatura: ≥ 100°C

Ħin ta' kuntatt: mill-inqas 5,5 sekonda

Pereżempju, għal prodott li fih 49,9% (w/w) perossidu tal-idroġenu: żid 700 ml ta' prodott ma' 357 ml ilma biex tikseb taħlita ta' 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu.

L-utent għandu dejjem jagħmel validazzjoni mikrobijoloġika tad-diżinfezzjoni, li warajha jista' jitħejja u jibqa' jintuża protokoll għad-diżinfezzjoni ta' dan l-imballaġġ / sistema.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ilbes gogils reżistenti għall-kimiċi konformi mal-Istandard Ewropew EN 16321 jew ekwivalenti, ħwejjeġ protettivi reżistenti kimikament għall-prodotti bijoċidali, ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew ekwivalenti, tarka tal-wiċċ u RPE (APF = 10) meta taħdem b'soluzzjonijiet ikkonċentrati waqt it-taħlit u tagħbija; ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew ekwivalenti, ħwejjeġ protettivi reżistenti kimikament għall-prodotti bijoċidali, u gogils reżistenti għall-kimiċi konformi mal-Istandard Ewropew EN 16321 jew tarka tal-wiċċ ekwivalenti waqt l-applikazzjoni. Waqt ix-xogħol ta' manutenzjoni, ilbes ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati taħt EN 374 jew ekwivalenti, ħwejjeġ protettivi reżistenti kimikament għall-prodotti bijoċidali, gogils reżistenti għall-kimiċi konformi ma' EN 16321 jew tarka tal-wiċċ ekwivalenti u RPE (APF=4) u sprejja l-ilma għal madwar 10 sekondi qabel ma tiftaħ il-magna. L-istruzzjonijiet għall-użu tal-istazzjon tal-mili mill-ġdid jispeċifikaw li l-operazzjonijiet tat-tagħbija għandhom isiru f'post frisk u ventilat. L-ingwanti u l-materjal tal-ilbies ta' protezzjoni għandhom jiġu speċifikati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott. Osserva l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta. Ara t-taqsima 6 għat-titoli sħaħ tal-istandards EN.

Dan jgħodd mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenza sħiħa għad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jiġi protett l-ambjent speċifiċi għall-użu. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ma hemmx istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu speċifiċi għall-użu. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ħżin u dwar il-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott speċifiċi għall-użu taħt kundizzjonijiet ta' ħżin normali. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

## 4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

*Tabella 2*

**Diżinfezzjoni ta' sistema ta' distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb bit-tindif fil-post (CIP)**

| | |
|---|---|
| Tip ta' prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |
| Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | - |

| | |
|---|---|
| Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | Isem komuni: Batterja<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: Ħmira<br><br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: fungi<br>Istadju iżvilupp: - |
| Qasam/Oqsma ta' użu | użu fuq ġewwa<br><br>Tindif u diżinfezzjoni ta' installazzjonijiet għad-distribuzzjoni u l-ħżin tal-ilma tax-xorb |
| Metodu/i ta' applikazzjoni | Metodu: CIP (Tindif fil-post)<br><br>Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni tas-superfiċji interni ta' sistemi magħluqin bis-CIP |
| Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' applikazzjoni: 4,7% (w/w) perossidu tal-idroġenu.<br><br>Dilwizzjoni (%): Għad-diżinfezzjoni ta' batterja, ħmira u fungi, l-prodott għandu jkun imħallat sa 4,7% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju, f'każ ta' prodott tal-perossidu tal-idroġenu 35% (w/w): żid 114 ml ta' prodott ma' 819 ml ilma. Għal prodotti b'konċentrazzjonijiet differenti ta' perossidu tal-idroġenu, il-valuri jridu jiġu aġġustati skont il-bżonn.<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br>Ħin ta' kuntatt: ill-inqas 3 sigħat<br>Frekwenza: Kuljum / jekk meħtieġ<br>Temperatura: temperatura ambjentali |
| Kategorija/i ta' utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Polietilene ta' densità għolja (HEDP) flixkun 1, 5 litri<br><br>Jerrycan HDPE 10, 20, 30, 60 litri<br><br>Tanbur HDPE 200 litri<br><br>Kontenitur HDPE 1 000 litri<br><br>Tank HDPE ISO 20m$^3$ |

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

CIP (Tindif fil-post): Naddaf qabel id-diżinfezzjoni (Neħħi l-fdalijiet u l-ħmieġ kollu billi tlaħlaħ jew togħrok minn qabel, u fejn meħtieġ, billi tħalli mxarrab għal xi ħin minn qabel) Iċċirkola l-prodott imħallat fis-sistema taħt kundizzjonijiet ta' turbulenza miżjuda u veloċità tal-fluss. Wara ħin ta' kuntatt ta' 3 sigħat, il-pajpijiet u t-tankijiet jiġu mlaħalħa bl-ilma qabel ma jerġgħu jimtlew bl-ilma tax-xorb. Għad-diżinfezzjoni ta' batterja, ħmira u fungi l-prodott għandu jkun imħallat sa 4,7% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju, għal prodott li fih 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu: żid 114 ml ta' prodott ma' 819 ml ilma biex tikseb taħlita ta' 4,7% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Għal prodotti b'konċentrazzjonijiet differenti ta' perossidu tal-idroġenu, il-valuri għandhom jiġu aġġustati skont dan.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ilbes gogils reżistenti għall-kimiċi konformi mal-Istandard Ewropew EN 16321 jew ekwivalenti/ tarka tal-wiċċ, ħwejjeġ protettivi reżistenti kimikament għall-prodott bijoċidali, ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew ekwivalenti, u RPE (APF = 10) waqt it-taħlit u t-tagħbija. L-ingwanti u l-materjal tal-ilbies ta' protezzjoni għandhom jiġu speċifikati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott. Ara t-taqsima 6 għat-titoli sħaħ tal-istandards EN.

Dan jgħodd mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenza sħiħa għad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE.

Monitoraġġ u ġestjoni tekniċi mill-bogħod (RMM): ventilazzjoni lokali tal-eżawst (50 %) u standard ġenerali tajjeb ta' ventilazzjoni (3 tibdiliet tal-arja (ACH) fis-siegħa). Osserva l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jiġi protett l-ambjent speċifiċi għall-użu. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ma hemmx istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu speċifiċi għall-użu. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ħżin u dwar il-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott speċifiċi għall-użu taħt kundizzjonijiet ta' ħżin normali. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

## 4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

*Tabella 3*

**Diżinfezzjoni ta' superfiċji u apparat ibsin u mhux poružі permezz ta' immersjoni**

| | |
|---|---|
| Tip ta' prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |
| Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | - |
| Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | Isem komuni: Batterja<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: Ħmira<br><br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: fungi<br>Istadju iżvilupp: - |
| Qasam/Oqsma ta' użu | użu fuq ġewwa<br><br>Apparat kemm tal-industrija tal-ikel kif ukoll tax-xorb, kċejjen u canteens tal-catering ta' skala kbira. |
| Metodu/i ta' applikazzjoni | Metodu: Sistema miftuħa: immersjoni<br><br>Deskrizzjoni dettaljata: Immersjoni manwali tal-apparat f'banjijiet miftuħin. Immersjoni awtomatizzat tal-apparat f'banjijiet magħluqin. |
| Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' applikazzjoni: 8,1% (w/w) perossidu tal-idroġenu.<br><br>Dilwizzjoni (%): Għad-diżinfezzjoni ta' batterja, ħmira u fungi l-prodott għandu jkun imħallat sa 8,1% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju, f'każ ta' prodott tal-perossidu tal-idroġenu 35% (w/w): żid 200 ml ta' prodott ma' 738 ml ilma. Għal prodotti b'konċentrazzjonijiet differenti ta' perossidu tal-idroġenu, il-valuri għandhom jiġu aġġustati skont dan.<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br>Ħin ta' kuntatt: mill-inqas 60 minuta<br>Frekwenza: Kuljum / jekk meħtieġ<br>Temperatura: temperatura ambjentali |

| Kategorija/i ta' utenti | professjonali |
|---|---|
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Polietilene ta' densità għolja (HEDP) flixkun 1, 5 litri<br>Jerrycan HDPE 10, 20, 30, 60 litri<br>Tanbur HDPE 200 litri<br>Kontenitur HDPE 1 000 litri<br>Tank HDPE ISO 20m$^3$ |

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Għad-diżinfezzjoni ta' batterja, ħmira u fungi l-prodott għandu jkun imħallat sa 8,1% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju, għal prodott li fih 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu; żid 200 ml ta' prodott ma' 738 ml ilma biex tikseb taħlita ta' 8,1% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Għal prodotti b'konċentrazzjonijiet differenti ta' perossidu tal-idroġenu, il-valuri għandhom jiġu aġġustati skont dan.

Immersjoni: L-apparat tal-industrija tal-ikel u tal-għalf jiġi diżinfettat bl-immersjoni. Naddaf l-apparat minn qabel. It-taħlita għad-diżinfezzjoni għandha titħallat ġewwa bittiji (jiġifieri l-prodott jitferra' jew jiġi ppumpjat ġol-bittiji). L-apparat li għandu jiġi diżinfettat jitpoġġa manwalment jew awtomatikament f'dawn il-bittiji (banjijiet magħluqin) u jinħareġ wara ħin ta' kuntatt ta' mhux anqas minn 60 minuta. Wara li titlesta l-proċedura ta' diżinfezzjoni, l-apparat jitlaħlaħ bl-ilma. Is-soluzzjoni ta' diżinfezzjoni fil-banju ta' immersjoni/immersjoni għandha tinbidel wara kull ċiklu ta' diżinfezzjoni.

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ilbes gogils reżistenti għall-kimiċi konformi mal-Istandard Ewropew EN 16321 jew ekwivalenti/ tarka tal-wiċċ, ħwejjeġ protettivi reżistenti kimikament għall-prodott bijoċidali, ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew ekwivalenti, u RPE (APF = 10) waqt it-taħlit u t-tagħbija. L-ingwanti u l-materjal tal-ilbies ta' protezzjoni għandhom jiġu speċifikati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott. Ara t-taqsima 6 għat-titoli sħaħ tal-istandards EN.

Dan jgħodd mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenza sħiħa għad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE.

RMM Tekniċi: Ventilazzjoni tal-egżost lokali (50%) u standard tajjeb ta' ventilazzjoni ġenerali (3 ACH). Il-banju għat-tgħaddis irid jitpoġġa f'kamra separata. Għall-użu biss f'żoni li ma humiex aċċessibbli għall-pubbliku. Utenti professjonali mingħajr PPE u RPE (APF=10) ma humiex permessi jidħlu fil-kamra tad-diżinfezzjoni. Żomm il-banju magħluq matul id-diżinfezzjoni, iftħu biss biex timla' jew tbattal.

Osserva l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta.

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jiġi protett l-ambjent speċifiċi għall-użu. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ma hemmx istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu speċifiċi għall-użu. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ħżin u dwar il-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott speċifiċi għall-użu taħt kundizzjonijiet ta' ħżin normali. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

*Tabella 4*

**Diżinfezzjoni ta’ superfiċji bit-tindif fil-post (CIP)**

| | |
|---|---|
| Tip ta’ prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |
| Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | - |
| Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta’ żvilupp) | Isem komuni: Batterja<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: Ħmira<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: fungi<br>Istadju iżvilupp: - |
| Qasam/Oqsma ta’ użu | użu fuq ġewwa<br>Diżinfezzjoni ta’ superfiċji interni ta’ pajpijiet u sistemi ta’ tankijiet f’kuntatt mal-ikel fl-industrija tal-ikel u tal-għalf |
| Metodu/i ta’ applikazzjoni | Metodu: CIP (Tindif fil-post)<br>Deskrizzjoni dettaljata: Diżinfezzjoni tas-superfiċji interni ta’ sistemi magħluqin bit-Tindif fil-Post (CIP). |
| Rata/i ta’ applikazzjoni u frekwenza | Rata ta’ applikazzjoni: 4,7% (w/ w) perossidu tal-idroġenu.<br>Dilwizzjoni (%): Għad-diżinfezzjoni tal-batterji, tal-ħmira u tal-fungi, il-prodott għandu jiġi dilwit għal 4,7% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju, fil-każ ta’ prodott tal-perossidu tal-idroġenu ta’ 35% (w/w): żid prodott ta’ 114 ml ma’ 819 ml ilma. Għal prodotti b’konċentrazzjonijiet differenti ta’ perossidu tal-idroġenu, il-valuri għandhom jiġu aġġustati skont dan.<br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br>Ħin ta’ kuntatt: mill-inqas 3 sigħat<br>Frekwenza: Kuljum / jekk meħtieġ<br>Temperatura: temperatura ambjentali |
| Kategorija/i ta’ utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Polietilene ta’ densità għolja (HEDP) flixkun 1, 5 litri<br>Jerrycan HDPE 10, 20, 30, 60 litri<br>Tanbur HDPE 200 litri<br>Kontenitur HDPE 1 000 litri<br>Tank HDPE ISO 20m$^3$ |

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Naddaf qabel id-diżinfezzjoni. Is-superfiċji interni ta’ pajpijiet u sistemi ta’ tankijiet huma diżinfettati bi proċess CIP. Għad-diżinfezzjoni ta’ batterja, ħmira u fungi l-prodott għandu jkun imħallat sa 4,7% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju, għal prodott li fih 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu: żid 114 ml ta’ prodott ma’ 819 ml ilma biex tikseb taħlita ta’ 4,7% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Għal prodotti b’konċentrazzjonijiet differenti ta’ perossidu tal-idroġenu, il-valuri għandhom jiġu aġġustati skont dan.

Il-proċess isir billi tiġi ċċirkolata t-taħlita għad-diżinfezzjoni fis-sistema taħt kundizzjonijiet ta' turbulenza miżjuda u veloċità tal-fluss. L-applikazzjoni hija awtomatizzata u l-proċess huwa wieħed magħluq. Wara ħin ta' kuntatt ta' 3 sigħat, il-pajpijiet u t-tankijiet jiġu mlaħalħa bl-ilma f'kundizzjonijiet ta' sistema magħluqa wkoll.

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ilbes gogils reżistenti għall-kimiċi konformi mal-Istandard Ewropew EN 16321 jew ekwivalenti/ tarka tal-wiċċ, ħwejjeġ protettivi reżistenti kimikament għall-prodott bijoċidali, ingwanti reżistenti għall-kimiċi kklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew ekwivalenti, u RPE (APF = 10) waqt it-taħlit u t-tagħbija. L-ingwanti u l-materjal tal-ilbies ta' protezzjoni għandhom jiġu speċifikati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni tal-prodott. Ara t-taqsima 6 għat-titoli sħaħ tal-istandards EN.

Dan jgħodd mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenza sħiħa għad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE.

Monitoraġġ u ġestjoni tekniċi mill-bogħod (RMM): ventilazzjoni lokali tal-eżawst (50 %) u standard ġenerali tajjeb ta' ventilazzjoni (3 tibdiliet tal-arja (ACH) fis-siegħa). Osserva l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta.

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jiġi protett l-ambjent speċifiċi għall-użu. Ara l-istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ma hemmx istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu speċifiċi għall-użu. Ara l-Istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ma hemmx istruzzjonijiet għall-ħżin u dwar il-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott speċifiċi għall-użu taħt kundizzjonijiet ta' ħżin normali. Ara l-Istruzzjonijiet ġenerali għall-użu.

## 5. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1

### 5.1. Struzzjonijiet għall-użu

Ara l-istruzzjonijiet speċifiċi għall-użu għal kull użu.

### 5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji

Ara l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-użu speċifiċi għal kull użu.

Osserva l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta.

### 5.3. Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent

***Istruzzjonijiet għall-ewwel għajnuna***

JEKK JINBELA': Laħlaħ il-ħalq immedjatament. Agħti xi ħaġa tax-xorb, jekk il-persuna esposta tkun tista' tibla'. TINDUĊIX ir-remettar. Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika. Informazzjoni lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa/tabib: Ibda miżuri għaż-żamma tal-ħajja jekk meħtieġa, wara ċempel ĊENTRU TAL-VELENU.

JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda immedjatament b'ħafna ilma. Wara neħħi l-ilbies ikkontaminat kollu u aħslu qabel terġa' tużah. Kompli aħsel il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Ċempel ĊENTRU TAL-VELENU jew tabib.

JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ immedjatament bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet ta' kuntatt, jekk hemm u jkun faċli. Kompli laħlaħ għal mill-anqas 15-il minuta. Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Ċaqlaq lejn arja friska u żomm mistrieħ f'pożizzjoni komda għat-teħid tan-nifs.

Jekk ikun hemm sintomi: Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

Jekk ma jkunx hemm sintomi: Ċempel ĊENTRU TAL-VELENU jew tabib.

***Miżuri f'każ ta' rilaxx aċċidentali***

Tixrid kbir: Iġbor il-prodott f'kontenituri xierqa (eż. magħmulin mill-plastik) billi tuża apparat xieraq (eż. pompa għall-likwidu) biex jintrema'. Qatt m'għandek tpoġġi dak li jkun ixxerred lura fil-kontenituri oriġinali għall-użu mill-ġdid. Żomm 'il bogħod minn sustanzi fjammabbli u inkompatibbli. Laħlaħ kwalunkwe residwu b'ħafna ilma. Armi l-materjal assorbit skont ir-regolamenti ambjentali applikabbli.

Tixrid żgħir: Żid il-prodott b'ħafna ilma u laħlaħ jew assorbi b'materjal li jżomm il-likwidu (eż. trab tad-diatomi jew binder universali). Iġbru mekkanikament u poġġih f'kontenituri xierqa. Naddaf sew is-superfiċje kkontaminata. Ippakkja u ttikkettja l-iskart bħall-prodott. Taqlax it-tikketta mill-kontenituri tal-kunsinna qabel ma jintremew.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Fl-aħħar tat-trattament, armi l-prodott mhux użat u l-imballaġġ skont ir-rekwiżiti lokali. Il-prodott użat jista' jiġi mormi fid-drenaġġ muniċipali jew f'depożitu tad-demel skont ir-rekwiżiti lokali.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

**Pariri dwar protezzjoni kontra n-nar u l-isplużjonijiet:**

Aħżen 'il bogħod mir-raġġi tax-xemx u sorsi tas-sħana.

Aħżen 'il bogħod minn sorsi li jistgħu jqabbdu n-nar - Tpejjipx.

Aħżen 'il bogħod minn sustanzi fjammabbli.

Aħżen 'il bogħod minn sustanzi inkompatibbli.

**Ħżin:**

Rekwiżit tat-temperatura - matul il-ħżin sa massimu ta' 40 °C u pproteġi mill-ġlata.

Aħżen f'postijiet nodfa, nexfin u ventilati sew.

Ġorr u aħżen il-kontenitur f'pożizzjoni wieqfa biss.

Dejjem issikka l-kontenitur sewwa wara li tneħħi l-prodott.

Evita li l-prodott inixxi u jħalli residwi fuq il-kontenituri.

**Pariri dwar ħżin komuni:**

Taħżnux flimkien ma' alkali, riduċenti, imluħa metalliċi (riskju ta' dekompożizzjoni).

Taħżnux flimkien ma' solventi organiċi (riskju ta' splużjoni).

**Ħajja fuq l-ixkaffa:**

**24 xahar**

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

It-titli sħaħ tal-istandards EN imsemmija fit-taqsimiet dwar "miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi għall-użu" huma:

EN 16321 - Protezzjoni għall-għajnejn u għall-wiċċ għall-użu okkupazzjonali

EN 374 – Ingwanti protettivi kontra sustanzi kimiċi u mikroorganiżmi

Id-Direttiva tal-Kunsill imsemmija bħala referenza fit-taqsimiet dwar "miżuri ta' mitigazzjoni speċifiċi għall-użu" hija d-Direttiva 98/24/KE tal-Kunsill tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p.11).

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

| | | |
|---|---|---|
| Isem/Ismijiet kummerċjali | Divosan HS 35 VT68 | qasam tas-suq: UE |
| | Divosan HS 35 | qasam tas-suq: UE |
| Numru tal-awtorizzazzjoni | EU-0029435-0001 1-1 | |

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Perossidu tal-idroġenu | | sustanza attiva | 7722-84-1 | 231-765-0 | 35 % (w/w) |

1. **META SPC 2 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 2 identifikatur**

| | |
|---|---|
| Identifikatur | Meta SPC: META Divosan Bath |

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

| | |
|---|---|
| Numru | 1-2 |

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Perossidu tal-idroġenu | | sustanza attiva | 7722-84-1 | 231-765-0 | 35 - 49,9 % (w/w) |

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' formulazzjoni | SL Konċentrat li jinħall |

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2**

| | |
|---|---|
| Dikjarazzjonijiet ta' periklu | H302: Jagħmel il-ħsara jekk jinbela'.<br>H315: Jikkawża irritazzjoni tal-ġilda.<br>H318: Jagħmel ħsara serja lill-għajnejn.<br>H335: Jista' jikkawża irritazzjoni respiratorja.<br>H412: Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.<br>H272: Jista' jżid in-nar; ossidant. |
| Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni | P261: Evita li tibla' bin-nifs fwar.<br>P264: Aħsel idejn sew wara li tużah.<br>P270: Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tuża dan il-prodott.<br>P271: Uża biss barra jew f'post ventilat sew.<br>P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent.<br>P280: Ilbes ingwanti protettivi / ilbies protettiv / protezzjoni tal-għajnejn / protezzjoni tal-wiċċ.<br>P301+P312: JEKK JINBELA': Ikkuntattja ĊENTRU TAL-VELENU / tabib jekk tħossok ma tiflaħx.<br>P330: Laħlaħ il-ħalq.<br>P302+P352: JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel b'ħafna ilma / sapun.<br>P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs.<br>P312: Ikkuntattja ĊENTRU TAL-VELENU / tabib jekk tħossok ma tiflaħx.<br>P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ.<br>P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-VELENU / tabib.<br>P332+P313: Jekk ikun hemm irritazzjoni tal-ġilda: Ikkonsulta tabib.<br>P403+P233: Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba. Żomm il-kontenitur magħluq sew.<br>P405: Aħżen f'post imsakkar.<br>P501: Armi l-l-kontenut fi / in accordance with local requirements.<br>P501: Armi l-il-kontenitur fi / f'konformità mar-rekwiżiti lokali.<br>P210: Żomm 'il bogħod mis-sħana, uċuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħrajn li jaqbdu. Tpejjipx.<br>P220: Żomm 'il bogħod mill-ħwejjeġ u minn materjali li jaqbdu oħrajn.<br>P370+P378: F'każ ta' nar: Uża ilma għat-tifi. |

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

*Tabella 1*

**Imballaġġ asettiku fl-industriji tal-ikel u tal-għalf**

| | |
|---|---|
| Tip ta' prodott | PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf |
| Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat | - |
| Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | Isem komuni: Batterja<br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: Ħmira<br><br>Istadju iżvilupp: -<br>Isem komuni: Spori tal-batterja<br>Istadju iżvilupp: Spori tal-batterja |
| Qasam/Oqsma ta' użu | użu fuq ġewwa<br><br>Diżinfezzjoni ta' Imballaġġ asettiku ta' materjal tal-imballaġġ tal-ikel u tal-għalf f'sistemi ta' imballaġġ asettiku magħluqin b'tgħaddis, sprejjar u nebulizzazzjoni |
| Metodu/i ta' applikazzjoni | Metodu: Tgħaddis, nebulizzazzjoni u sprejjar<br><br>Deskrizzjoni dettaljata: Tgħaddis awtomatizzat f'sistemi magħluqin. Nebulizzazzjoni u sprejjar awtomatizzati f'sistemi magħluqin. |
| Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' applikazzjoni: Konċentrazzjoni waqt l-użu: 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu.<br><br>Dilwizzjoni (%): Għad-diżinfezzjoni ta' batterja, ħmira u spori tal-batterja, l-prodott għandu jkun imħallat sa 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu. Pereżempju,, f'każ ta' prodott tal-perossidu tal-idroġenu 49,9% (w/w): żid 700 ml ta' prodott ma' 357 ml ilma biex tinkiseb dilwizzjoni ta' 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu.<br><br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br>Proċessi ta' diżinfezzjoni kimiko-termali awtomatizzati. Konċentrazzjoni waqt l-użu: 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu<br><br>Sprejjar jew nebulizzazzjoni:<br>Temperatura: ≥100°C<br>Ħin ta' kuntatt: mill-inqas 5,5 sekonda<br><br>Tgħaddis:<br>Temperatura: ≥80°C<br>Ħin ta' kuntatt: mill-inqas 2,5 sekonda |
| Kategorija/i ta' utenti | professjonali |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Polietilene ta' densità għolja (HEDP) flixkun 1, 5 litri<br><br>Jerrycan HDPE 10, 20, 30, 60 litri<br><br>Tanbur HDPE 200 litri<br><br>Kontenitur HDPE 1000 litri<br><br>Tank HDPE ISO 20m$^3$ |

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Is-sistemi ta' mili asettiku huma bbażati fuq il-prinċipju li asettikament jiffurmaw tubu minn folja sterilizzata tal-materjal tal-pakkett, li jkompli jimtela' kontinwament bi prodott tal-ikel likwidu sterili kummerċjali u wara jiġi ssiġġillat b'mod trażversali biex jifforma boroż, li mbagħad jiġu mitwija fil-forma finali tal-pakkett. Il-materjal tal-imballaġġ jitpoġġa fil-magna tal-mili asettiku jew fil-forma ta' (folji) rkiekel (folji) jew fil-forma ta' pakketti, tnelli u fliexken iffurmati minn qabel. Imbagħad, il-perossidu tal-idroġenu 35 % (w/w) jiġi sprejjat jew applikat gradwalment b'nebulizzatur fuq il-materjal tal-ippakkjar bl-għajnuna ta' żennuna. Wara, imiss bosta fażijiet biex jevapora kwalunkwe perossidu tal-idroġenu li jkun fadal b'arja sħuna sterili.

Skont id-daqs tar-reċipjent, ammont ta' 0,1–1 ml ta' perossidu tal-idroġenu 35 % (w/w) jiġi sprejjat jew applikat gradwalment b'nebulizzatur bl-għajnuna ta' żennuna.

Temperatura: ≥100°C

Ħin ta' kuntatt: mill-inqas 5,5 sekonda

Il-materjal tal-imballaġġ fil-forma ta' (folji) rkiekel jgħaddi minn banju fond mimli b' 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu permezz tat-tgħaddis.

Temperatura: ≥80°C

Ħin ta' kuntatt: mill-inqas 2,5 sekonda

Pereżempju, għal prodott li fih 49,9% (w/w) perossidu tal-idroġenu: żid 700 ml ta' prodott ma' 357 ml ilma biex tikseb taħlita ta' 35% (w/w) perossidu tal-idroġenu.

L-utent għandu dejjem jagħmel validazzjoni mikrobijoloġika tad-diżinfezzjoni, li warajha jista' jitħejja u jibqa' jintuża protokoll għad-diżinfezzjoni ta' dan l-imballaġġ / sistema.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

